# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — L-EWWEL KTIEB TA' L-1927

## IS-SENGĦA TAL-KITBA

*(Jorbot mal-faċċ. 117 ta' l-1926)*

THEJJIJA TAL-QALB

Sa hawnhekk rajna illi biex wieħed jikteb tajjeb, kemm proża u kemm poeżija, teħtieġ l-ewwelnett it-thejjija tal-*Moħħ*. Wara t-thejjija tal-moħħ, it-thejjija tal-*Qalb*.

Il-kelma *Qalb* ħadet fl-ilsna kollha tifsira waħda ta' dak kollu li hu ħelu, li hu ħanin, li hu ħili, qawwi, ħabrieki; f'kelma waħda li hu *tajjeb*. Billi l-qalb bit-taħbit tagħha ġġerri d-demm mal-ġisem kollu u hekk iżżommu qawwi u sħiħ u f'siktu; u billi ma' kull tqanqila ta' passjoni, jiġifieri ma' kull taħrika barranija tan-nervi, il-qalb tbiddel ftit jew wisq ix-xejra tagħha, il-ġnus kollha għażlu l-qalb bħala l-bejta ta' l-imħabbiet kollha u tal-ġibdiet kollha, tajbin u ħżiena, għalkemm iżjed ta' dawk inkella ta' dawn.

Bejn il-*Moħħ* u l-*Qalb* hemm rabta kbira—li jħossha kullħadd. Kont sejjer inxebbah il-*Qalb* ma' żiemel, qawwi, bieżel, ġerrej, fuq-ruħu; u l-*Moħħ* mar-raġel li jirkbu. Iż-żiemel jimxi, igħaġġel, jiġri, ilebbet, inkella jnaqqas, jitnikker, jieqaf, kif iħarriklu jew iżommlu min jirkeb, jekk hu għaqli; iżda jaħrab u jarmih, jekk ma jagħrafx irażżnu u jirħilu kif jitlob il-ħin u l-imkien. Il-

*Moħħ* qisu għandu r-riedni tal-*Qalb* f'idejh: kull ħsieb li jgħaddi mill-moħħ, skond ma jkun tajjeb jew ħażin, għoli jew mormi, sabiħ jew ikreh, qawwi jew dgħajjef, ħili jew beżżiegħ, ir-riedni jiġbdu lejn il-lemin jew lejn ix-xellug, jissikkaw jew jirħu; u l-qalb sejra f'taħbita bla heda, f'ġirja li ma tistrieħx ħlief bil-mewt.

Għaldaqshekk il-*Qalb* fil-ħajja tal-bniedem tieħu sehem daqs il-*Moħħ*, u biex ingħid hekk, is-sehem l-iżjed nobbli, l-iżjed sabiħ, l-iżjed li jiswa. Biex taraw kemm hu hekk: aħna nistagħġbu bl-egħmejjel kbar tal-moħħ, bħal ma huma l-invenzjonijiet kollha li saru fil-ġrajja tad-dinja; iżda ma nħobbux ħlief l-egħmejjel tal-*Qalb*. Infaħħru, u fis-sewwa, lill-kbar, bħal ma huma Edison, Marconi, Bleriot, Ford, Einstein u oħrajn illi f'dawn l-aħħar snin biddlu għal kollox il-wiċċ tad-dinja; iżda inħossu li hu aktar sabiħ, aktar ta' ġieh l-għemil tal-qalbenin li jarmu ħajjithom biex ihennu li' għajrhom; u lil dawn mhux biss infaħħruhom, iżda nħobbuhom.

Mill-Qalb, bħala minn għajn, ifawru dawk l-imħabbiet li jmissu lir-*Reliġjon tagħna*, lil *Pajjiżna*, lil *Djarna*.

## L-IMĦABBA TAR-RELIĠJON

Ir-Reliġjon tagħna hi r-Reliġjon ta' Kristu, dik li minnha tnisslet iċ-Ċiviltà tal-lum, jiġifieri dak kollu illi fl-Ewropa u fid-dinja aħna naraw l-aktar tajjeb, l-aktar sabiħ, l-aktar nobbli, fil-liġijiet, fid-drawwiet, fl-imġiba, u fl-Arti jew Snajja Sbieħ.

Biex il-kittieb malti jħeġġeġ qalbu b'din l-imħabba tar-Reliġjon u jikteb kif jixraq fuq dan is-suġġett li hu minsuġ sfieq mal-ġrajja tal-gżira tagħna, jiswielu ħafna jitgħallem bir-reqqa kif inżergħet, kif xenxlet, kif qabdet u kif trawmet fostna din ir-Rabta ma' Alla; liema egħ-ġubijiet tas-sema ġibuha u żammewha fuq din l-art imbierka, din il-ġnejna tal-Knisja, imsoqqija bil-għaraq

ta' l-Appostlu tal-Ġnus: u liema Fehma qawwija, liema Emmna sħiħa, liema Rieda ta' l-azzar f'dawk li kienu misserijietna setgħu jiddu minn ġidd għall ġidd u jżommu bla mittiefes għal dsatax-il mitt sena l-wirt tal-Fidi li ħallielna l-Appostlu li rebaħna għal Kristu.

## L-IMĦABBA TA' PAJJIŻNA

Qatt l-ebda kittieb ma sata' jaqla' isem sabiħ, jekk ma kienx iħobb tas-sew lil pajjiżu. Wara l-imħabba tar-Reliġjon—l-ewwel ħtieġa u l-ewwel għajta tal-qalb tal-bniedem—l-imħabba tal-pajjiż hi l-aktar qawwija, u ta' dan hemm l-isbaħ xhediet fil-ġrajja ta' kull ġens u ta' kull nazzjon.

Bl-imħabba ta' pajjiżu l-kittieb malti jista' jixgħel, aktarx iżjed minn kull barrani, jekk jaqra u jifhem sewwa l-ġrajja kbar u sbieħ li jixirqu mhux biss lil gżira daqs ħolqa, iżda lil l-aqwa ġens u lil l akbar pajjiż: ġrajja li għaġġbu d-dinja, li ħelsu lil l-Ewropa mill-ħakma tal-Mislem, imqit f'dinu u aħrax f'egħmilu, u wettqu darba għal dejjem, mhux hawn biss, iżda fl-Ewropa kollha, iċ-Ċiviltà li kienet bil-għaraq u bil-ħila ta' nies qalbenija, ixxerdet ma' tûl bosta mijiet ta' snin. Daqqa ta' għajn lejn is-swar li jħażżmu l-Belt ċkejkna u sabiħa tagħna hi biż-żejjed biex tqajjem fil-qalb ta' kull kittieb malti, u l-aktar fil-qalb ta' kull poëta, l-ogħla u l-oħla tqanqil, u ġġiegħlu jfissirhom bi kliem tan-nar, bi kliem maħdum fil-forġa ta' dik il-ħaddedija fejn jaħdmu mxierka u annuna Emmna ta' l-azzar fil-jedd tas-saltna ta' Kristu, u ħrara li qatt ma tegħja, li ġġarrab, li tissielet għall-jedd ta' Malta u tal-Maltin. Ismijiet bħal La Valette, Toni Bajada, Dun Mikiel Xerri jafu jkebbsu nar qawwi ta' mħabba lejn pajjiżna: ħabtiet bħal ma huma it-8 ta' Settembru, 1565, it-2 ta' Settembru, 1798, is-16 ta' Mejju, 1921 għandhom iżommu

dejjem ħaj dak ix-xrar; u minn dawn l-ismijiet u minn dawn il-ħabtiet għandu l-kittieb malti jieħu x-xejra kull meta jrid jikteb xi ħaġa li tixraq lilu u lil l-art fejn twieled u trabba.

## L-IMĦABBA TAD-DAR

L-imħabba l-oħra ħelwa, sabiħa, qawwija—it-tielet passjoni tal-qalb—hi l-imħabba tad-dar. Il-familja—il-qofol tas-soċjetà—tiġbor fiha l-oħla ġibdiet, l-ifrem rabtiet, l-ogħla xewqat, u egħmejjel ta' ġieh u ta' sagrifiċċju li jgħaġġbu. Missier li jiġbor imħabbtu u ħsiebu fid-dar, u jbakkar u jishar u jħabrek u jaħdem sa l-għaja biex iġib il-ħobż u l-lbies għal martu u għal uliedu; omm li tinġabar fil-kenn, fis-satra u fis-sliema tad-dar u, għaqlija, taħseb kif tqassam bil-ħaqq u bis-sewwa l-ħabba li jaqla r-raġel bil-għaraq ta' ġbinu, u ttaffilu bis-sedqa, bil ħlewwa ta' kelmitha, bil-mogħdrija, u bil-għajnuna t-toqol tal-ħidma ta' kulljum; li tħaddem għaqilha kollu, ħilitha kollha biex trabbi lil l-ulied li ġiebet fid-dinja, u tkabbarhom fir-rażna, fil-biża' t'Alla, fit-tjieba lejn għajrhom u fil-għożża ta' ġiehhom; ulied illi, imrobbija sewwa, igħożżu t-tifkiriet ta' l-omm, it-twissijiet tal-missier u jitilgħu nies ta' fejda għalihom, għal pajjiżhom, u għal ġens il-bnedmin kollu, huma għajn ta' poeżija dejjem ġdida, dejjem sabiħa, dejjem qawwija, għaliex issib dejjem wild ġdid, żogħżija sabiħa, irġulija qawwija lil min tgħallem, lil min tgħaxxaq, lil min tħajjar għal dak l-egħmil li bih il-ħajja tal-bniedem tista' tkun kif għandha tkun.

**Dun Karm.**

*(Jissokta)*